MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 499/1999/1

**Av. Dr Edward Debono fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju tas-soċjetà estera assenti *Henraux S.p.A.***

***Versus***

***Lawrence Fenech Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi talbet il-ħlas ta' sitt elef, ħames mija u tnejn u sittin lira u ħames ċenteżmi (Lm6,562.05) — daqskemm kienu jiswew disgħa u għoxrin miljun, tliet mija u wieħed u sebgħin elf, seba' mija u erbgħin lira taljani (LIT29,371,740) — u l-imgħaxijiet mill-20 ta' Settembru 1996, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' rħam u granit mibjugħ lis-soċjetà konvenuta. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' mandat kawtelatorju.
L-attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b'dikriet tas-16 t'April 1999 ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali u s-soċjetà konvenuta ressqet l-

eċċezzjoni illi ma għandhiex tagħti dak li qiegħda titlob l-attriċi għax il-merkanzija konsenjata ma kinitx dik ordnata u ma kinitx tal-kwalità miftiehma.

Il-konvenuta nqdiet ukoll bil-proċedura mibdija mill-attriċi biex b'rikonvenzjoni ressqet il-kontro-talbiet tagħha. Fissret illi kienet ordnat mingħand l-attriċi kwantità ta' granit jew irħam magħruf bħala *Verde Bahia* iżda l-konvenuta bagħtitilha merkanzija tal-marka *Verde Labrador* minflok, li għalhekk ma kinitx tal-kwalità miftiehma. Il-konvenuta kienet għamlet dik l-ordni għall-kummerċ tagħha, u kienet teħtieġ il-merkanzija fi żmien qasir. Meta l-attriċi bagħtitilha merkanzija żbaljata l-konvenuta ġarrbet danni minħabba l-ispejjeż tal-ġarr tal-merkanzija mill-Italja sa Malta, l-ispejjeż talli l-merkanzija ħażina qiegħed tokkupa spazju, u wkoll l-ispejjeż li daħlet fihom il-konvenuta biex ordnat merkanzija tajba mingħand ħaddieħor.

Il-konvenuta għalhekk b'rikonvenzjoni talbet illi l-qorti:

1. tillikwida d-danni li ġarbet talli ntbagħtitilha merkanzija differenti minn dik ordnata; u
2. tikkundanna lill-attriċi tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża.

Għall-kontro-talbiet l-attriċi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-attriċi ma twieġibx għad-danni li l-konvenuta tgħid illi ġarrbet; u
2. l-attriċi bagħtet dak li ordnat il-konvenuta.

Waqt is-smigħ tal-kawża l-attriċi naqqset it-talba tagħha b'ħames mitt lira (Lm500) b'nota ta' l-1 ta' Lulju 2002, u b'erbat elef lira (Lm4,000) oħra b'nota ta' l-1 ta' Ġunju 2005.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Il-konvenuta ordnat mingħand l-attriċi kwantità ta' granit magħruf bħala *Verde Bahia*. Fuq il-fattura mibgħuta mill-attriċi l-granit kien imniżżel bħala *Verde Labrador*. Il-konvenuta kienet għarrfet lill-aġent ta' l-attriċi b'dan iżda l-aġent wieġeb illi *Verde Bahia* huwa magħruf ukoll bħala *Verde Labrador*. Meta iżda wasal ix-xogħol il-konvenuta setgħet tara illi l-konsenja ma kinitx bħall *Verde Bahia* li riedet hi. Għarrfet b'dan lill-attriċi iżda l-attriċi kompliet tgħid illi *Verde Bahia* u *Verde Labrador* huma żewġ ismijiet għall-istess kwalità ta' granit.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawża għalhekk hija jekk *Verde Bahia* u *Verde Labrador* humiex żewġ kwalitajiet differenti ta' granit, kif tgħid il-konvenuta, jew humiex l-istess ħaġa, kif tgħid l-attriċi. Sabiex igħinha fl-istħarriġ dwar din il-kwistjoni l-qorti b'dikriet tat-2 ta' Novembru 2004 ħatret lill-A.I.Ċ Mario Cassar bħala perit tekniku, u dan ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fil-21 ta' Jannar 2005.

Il-perit wasal għall-konklużjoni illi, għalkemm *Verde Bahia* u *Verde Labrador* huma qrib ħafna ta' xulxin, ġeoloġikament huma differenti wieħed mill-ieħor. Hemm differenzi kemm fil-qies tal-kristalli, għax *Verde Bahia* għandu kristalli żgħar u *Verde Labrador* għandu kristalli akbar, kif ukoll fil-venatura, għax waqt illi *Verde Bahia* għandu venatura, *Verde Labrador* ma għandux.

Mill-kampjuni taż-żewġ kwalitajiet il-qorti setgħet tara wkoll illi d-differenza fid-dehra tagħhom tolqot il-għajn.

Il-perit sab ukoll illi fil-kummerċ xi ditti — fosthom, milli jidher, is-soċjetà attriċi — ma jagħmlux differenza bejn iż-żewġ kwalitajiet, iżda dan ma jibdilx il-fatt illi ma humiex l-istess ħaġa.

Għalhekk, is-soċjetà konvenuta kellha raġun tgħid illi s-soċjetà attriċi ma ikkonsenjatx dak li ntrabtet illi tbigħilha, u l-eċċezzjoni tagħha kontra t-talbiet ta' l-attriċi għalhekk għandha tintlaqa'.

Ngħaddu issa biex inqisu l-kontro-talbiet.

L-art. 1390 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

**1390.** Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.

Fil-każ tallum is-soċjetà konvenuta għażlet illi tirrifjuta l-ħaġa u titlob id-danni, li huma l-ispejjeż żejda li kellha tagħmel minħabba fil-konsenja ħażina.

Il-konvenuta ippreżentat prospett biex turi illi bħala spejjeż żejda ta' ġarr u ta' ħlasijiet ta' dazju ħarġet tmien mija u seba' liri u sitta u tletin ċenteżmu (Lm807.36)[1].

Qiegħda tippretendi wkoll sitta u tmenin ċenteżmu (86c) kulljum mid-9 ta' Mejju 1996 — meta waslet il-konsenja — għall-ħażna tal-granit ta' l-attriċi li ma setgħetx tinqeda bih.

1 *Fol.* 82.

Fil-fehma tal-qorti din il-pretensjoni hija raġonevoli, u għalhekk l-ispejjeż tal-ħażna sallum ilaħħqu tlitt elef u sittax-il lira (Lm3,016).

Il-konvenuta qiegħda tippretendi wkoll id-differenza fil-prezz biex xtrat granit tal-kwalità li riedet mingħand terzi. Mingħand l-attriċi xtrat mija u ħamsa u tmenin punt deċimali disgħa metri kwadri (185.90$m^2$) bil-prezz ta' tlieta u tmenin elf lira taljana kull metru kwadru (LIT83,000/$m^2$), bejn wieħed u ieħor dsatax-il lira ta' Malta u sitta u disgħin ċenteżmu kull metru kwadru (Lm19.96/$m^2$). Mingħand terzi xtrat mija u wieħed u erbgħin punt deċimali tmienja tmienja metri kwadri (141.88$m^2$) bil-prezz b'kollox ta' erbat elef, mitejn u wieħed u għoxrin lira u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm4,221.22)[2], bejn wieħed u ieħor disgħa u għoxrin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmu kull metru kwadru (Lm29.75/$m^2$). Għalhekk kellha tħallas disa' liri u disgħa u sebgħin ċenteżmu aktar kull metru kwadru (Lm9.79/$m^2$).

Billi kellha tixtri mija u wieħed u erbgħin punt deċimali tmienja tmienja metri kwadri (141.88$m^2$) mingħand terzi bil-prezz ogħla, il-konvenuta għamlet telf ta' elf, tliet mija u disgħa u tmenin lira (Lm1,389) fuq id-differenza fil-prezz.

Id-danni li ġarrbet il-konvenuta b'kollox għalhekk jiġu ħamest elef, mitejn u tnax-il lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm5,212.36).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tilqa' l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi, tilqa' l-kontro-talbiet tal-konvenuta: tillikwida d-danni li ġarrbet il-konvenuta talli ntbagħtitilha merkanzija differenti minn dik ordnata fis-somma ta' ħamest elef, mitejn u tnax-il lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm5,212.36) u tikkundanna lill-attriċi tħallas lill-konvenuta d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] *Fol.* 84.